**MFIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 20 ta' Settembru 2024

**Il-Pulizija**

**vs**

**Eman Caruana**

**(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 452276M)**

**Il-Qorti,**

Rat li Eman Caruana ta' sebgħa u erbgħin (47) sena bin Saviour Caruana u Antonia Caruana nee' Mangion, mwieled nhar it-28 ta' Settembru 1976 ġewwa l-Imtarfa, residenti ġewwa fond numru 40, 'Emrit', Triq il-Kahwiela, Mosta u detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 452276M tressaq taħt arrest u ġie akkużat talli nhar it-Tlieta 17 ta' Settembru 2024 għall-ħabta tal-ħamsa neqsin kwart ta' filgħaxija (16:45hrs) u/jew ħinijiet ta' qabel dan ġewwa dawn il-gżejjer Maltin:

1. *Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, bil-ħsieb li jġiegħel lil Rita Vassallo biex tagħmel jew tonqos milli tagħrnel xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra tagħha, jew biex jimmalafama lil Rita Vassallo jew xi persuni oħra u għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artikolu 49(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta,*

*2. U aktar talli fl-istess data, u ħin, ġewwa dawn il-gżejjer Maltin u taħt l-istess ċirkustanzi għamel inġurji jew theddid lil Rita Vassallo liema inġurji mhux imsemmijin band oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien pprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artiklu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Lucas Vassallo għall-benefiċċju ta' Rita Vassallo u l-familjari tagħha, u dan ai termini ta' artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tapplika wkoll l-artikoli 382A, u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet finalment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u/jew 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant, filwaqt li l-prosekuzzjoni eżebiet il-fedina penali tal-imputat flimkien ma ċertifikat tat-twelid talbet li dan il-każ jiġi pproċessat skont il-liġi.

Rat li llum stess wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma l-akkużi, l-imputat ammetta l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-imputat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-imputat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Rat l-atti proċesswali kollha.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta’ l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta’ l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu. Ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta l-akkużi fi stadju bikri.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikolu 49(b)(ċ) tal-Kapitolu 399, u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-imputat stess il-Qorti ssib lill-imputat Eman Caruana, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 452276M, ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil konfront tiegħu, u tikkundannah għal piena ta’ multa fl-ammont ta’ ħames mitt Ewro (€500) flimkien ma ċanfira u twiddiba.

Inoltre il-Qorti qiegħda tagħmel ukoll ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta kontra l-akkużat għal fini ta’ protezzjoni ta’ Rita Vassallo (KI 0466174M), skont ma jirriżulta mid-digriet mogħti kontestwalment ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Finalment il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kontemplata abbażi tal-artikoli 382A, u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-Artikoli 532A, 532B u/jew 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li l-vittma diġa ġiet protetta taħt l-Artikolu 412C u mill-atti proċesswali ma jirriżultax li nħatru xi esperti jew periti.

| | |
|---|---|
| **Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D** | **Josanne Gauci** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** |

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------